**23 ta' Marzu, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Dottor Joseph Said Pullicino B.A., LL.D.**

Carmel Tonna, Kenneth Abela u Alfred Mifsud bħala President, Segretarju u Teżorier rispettivament ta' l-"Għaqda *(Union)* Uffiċjali Anzjani tat-Tarzna" (D.S.E.S.U.) u in rappresentenza ta' l-istess *trade union*

*versus*

Felix Agius u Harold Walls

**Libell – *Press Act* – Malafama**

*L-aspetti wisq interessanti ta' din is-sentenza huma l-konsiderazzjonijiet metodoloġiċi li mexxew il-proċess ta' raġonament tal-Qorti u r-riflessjonijiet u interpretazzjoni dwar il-libell u l-malafama.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni tas-7 ta' Ottubru, 1988, li bih l-atturi *nomine* wara li ppremettew illi l-konvenut Felix Agius bħala editur u Harold Walls bħala stampatur tal-ġurnal "l-Orrizont", permezz ta' l-artikolu "It-Tarzna u x-Xandir" ippubblikat fil-ħarġa ta' dan il-ġurnal ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Lulju, 1988, li vera kopja tiegħu qiegħda tiġi esibita bħala Dokument "A", taw malafama lill-atturi *nomine* billi attribwewlhom fatti determinanti bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tagħhom jew li jesponuhom għar-redikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku u li huma bħala parti offiża għandhom dritt għad-danni kkontemplati fil-liġi ta' l-Istampa;

Jgħidu l-konvenuti għaliex m'għandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti taw malafama lill-atturi *nomine* bl-istampar fuq imsemmi li għandu l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima tagħhom; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi dik is-somma illi dina l-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jeċċedix l-elfejn lira maltija bħala danni u riparazzjoni ta' l-inġurja morali u malafama illi huma sofrew bil-publikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-imgħax legali u l-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra kontra l-konvenuti li huma inġunti għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Felix Agius li biha eċċepixxa illi m'hemm xejn fil-kitba in kwistjoni, malafamanti għall-atturi, la *proprio* u anqas *nomine* u dana riferibilment għall-ewwel talba u jsegwi, riferibilment għat-tieni talba, li m'hemm ebda ammont li l-eċċipjent għandu jiġi kkundannat iħallas lill-atturi;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Harold Walls li biha eċċepixxa illi hu ma kienx qara l-kitba *"de quo"* qabel din ġiet stampata u li l-kitba ma fiha xejn inġurjuż versu l-atturi la personalment u la għall-*union* minnhom rappresentata;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti, b'mod partikolari s-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippresjeduta tas-26 ta' Mejju, 1989, u dik revokatorja mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Mejju, 1992;

Rat li b'dik is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, il-proċess ġie rinvjat quddiem din il-Qorti għall-kontinwazzjoni u eventwali deċiżjoni skond il-liġi;

Rat il-verbal tal-21 ta' Jannar, 1993, li bih il-kontendenti ddikjaraw li ma għandhomx provi aktar u l-kawża tħalliet għas-sentenza wara li ġiet ittrattata;

Ikkunsidrat:

L-atturi bħala President, Segretarju u Teżorier, rispettivament, ta' l-"Għaqda *(Union)* Uffiċjali Anzjani tat-Tarzna" (D.S.E.S.U.) u in rappresentenza ta' l-istess *trade union,* qed iħarrku lill-konvenuti bħala Editur u Stampatur tal-ġurnal "Orizzont" billi ħassew ruħhom immalafamati bl-artikolu ppubblikat fil-ħarġa tad-19 ta' Lulju, 1989, intitolat "It-Tarzna u x-Xandir". Hu paċifiku u dan hu kkonfermat anke mill-istess atturi illi l-parti malafamanti ta' l-artikolu hi s-segwenti:

"Osservaturi qalu illi llum fit-Tarzna hu magħruf sew illi d-D.S.E.S.U. stess hi marbuta mal-partit fil-Gvern. Jekk id-D.S.E.S.U. tixtieq torbot il-karru tagħha ma' xi ħadd din hi

affari tagħha, iżda m'hux sewwa li dan iwassal għal ċensura fl-istqarrijiet, eċċ''.;

Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza revokatorja tagħha, hekk iddeliberat il-kweżit quddiemha, biex waslet għall-konklużjoni li l-artikolu hu malafamanti fil-konfront tad-D.S.E.S.U.:

''Minn dak li ntqal fl-artikolu *'de quo'* jirriżulta li hemm żewġ allegazzjonijiet sottintiżi magħmula kontra d-D.S.E.S.U.;

(a) Li d-D.S.E.S.U. hija marbuta mal-Partit Nazzjonalista li qiegħed fil-Gvern; u

(b) Li minħabba l-fatt li d-D.S.E.S.U. rabtet il-karru tagħha mal-Partit Nazzjonalista li qiegħed fil-Gvern, l-apparat statali biex jaġevolaha u jivvantaġġjaha qiegħed jiċċensura l-aħbarijiet fejn ikun hemm stqarrijiet tat-tarzna li jistgħu jolqtuha;

Issa dawn l-allegazzjonijiet li sarulha fil-gazzetta qegħdin jagħmlu ħsara lid-D.S.E.S.U. In fatti dawn qegħdin iservu biex iġibuha quddiem il-pubbliku u speċjalment quddiem dik is-sezzjoni tal-pubbliku li minnha hi trid takkwista membri ġodda – *bħala li qiegħda turi wiċċ b'ieħor billi waqt li fl-istatut tagħha* hija qiegħda tiddikjara li hi indipendenti mill-politika fil-prattika hija rabtet il-karru tagħha mal-partit Nazzjonalista u saret ramifikazzjoni tiegħu. Dan ċertament qiegħed inaqqsilha ġieħha mal-pubbliku kif ukoll il-kredibilità tagħha. Barra minn hekk ukoll dawn l-allegazzjonijiet fil-gazzetta affettwaw lid-D.S.E.S.U. fid-dħul ta' membri ġodda kif xehed Kenneth Abela. Wieħed irid jikkunsidra li l-gazzetta tiġi moqrija u hija popolari fl-ambjenti fejn id-D.S.E.S.U. trid tappella għad-dħul ta' membri ġodda'';

Hi x'inhi l-fehma ta' din il-Qorti, kif ippresjeduta, fuq il-kontenut u l-portata ta' l-artikolu, hi neċessarjament trid taċċetta l-premess li hu issa b'dik is-sentenza deċiż, illi l-artikolu huwa malafamanti fil-konfront ta' l-attur *nomine* u f'dan l-isfond tiddetermina x'danni għandhom jiġu llikwidati favur tagħhom, a tenur tal-liġi dwar l-istampa. Dawn id-danni m'għandhomx jiġu likwidati *"in vacuo"*, imma għandhom jiġu rrelatati mal-ħsara li l-kitba inġurjuża setgħet potenzjalment tikkreja lil-libellati jew li tkun attwalment ikkaġunatilhom danni li mhux neċessarjament ikunu materjali u rejali, imma jistgħu jkunu wkoll ta' *indole* morali u astratta, in kwantu jolqtu l-unur u l-fama. Mill-banda l-oħra d-danni kkalkolati għandhom ikunu dawk li jemanu bħala konsegwenza diretta jew indiretta tal-kitba inġurjuża u mhux minn fatti, eventi jew fatturi oħra estraneji għaliha, anke jekk konnessi;

Dan qed jingħad għaliex, waqt li din il-Qorti ma tpoġġix fid-dubju d-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell illi l-parti ta' l-artikolu inkriminat indikata, hija verament inġurjuża, hi ma tqisx li għandha tinterpeta dik is-sentenza fis-sens illi l-kontenut malafamanti kellu verament l-effett li jinċidi fuq l-għażla tal-ħaddiema tat-tarzna li jibqgħu msieħbin fid-D.S.E.S.U. jew li jitilquha. Fil-fehma tal-Qorti, dan ma kienx il-każ, la b'mod determinanti u lanqas b'mod marġinali. Anke waqt li tieħu bħala fatt li l-artikolu jnaqqas il-ġieh tad-D.S.E.S.U. mal-pubbliku u jnaqqsilha l-kredibilità tagħha, l-effetti verament serji tat-tnaqqis drammatiku fis-sħubija f'din il-*union*, ċertament ma humiex dovuti għall-kontenut inġurjuż fl-artikolu li fl-aħħar mill-aħħar, fl-assjem tiegħu, kien dirett l-aktar bħala kritika ħarxa ta' l-amministrazzjoni ta' Xandir Malta li ġiet akkużata b'parzjalità. Hu hawn li verament hemm *"the sting of the libel"*. Din il-Qorti hi sodisfatta illi l-avversitajiet li kellha tirrinfaċċja

d-D.S.E.S.U. fil-ġlieda għas-sħubija tal-membri tal-*General Workers Union*, kif deskritti mill-atturi stess, kellhom l-oriġini tagħhom f'ċirkostanzi ferm aktar serji u ġew ipprovokati minn sitwazzjoni ta' konfront ferm aktar gravi mill-insinwazzjoni *inġurjuża, anke jekk speċifika kontenuta f'dan l-artikolu*, ta' irbit ma' karru politiku partikolari;

Tant biex jinżamm sens ta' proporzjon, għax din il-Qorti tifhem li l-azzjoni tal-libel biex tkun verament effikaċi u ġusta, għandha tiġi adoperata b'ġudizzju u ċirkonspezzjoni, tenut kont ta' l-inġurja, *il-gravità tagħha, lejn min tkun diretta u lil min* tkun maħsuba tilħaq u x'danni konsegwenzjali diretti jew indiretti tista' tiġġenera;

Il-Qorti mhux tant konvinta illi l-każ in eżami kien jagħti lid-D.S.E.S.U. l-aħjar opportunità biex tirrivendika l-indipendenza tagħha mill-partiti politiċi u tasserixxi l-fatt li hi organizzazzjoni trejdjunonistika u politika. *Stante* li l-konvenuti *nomine* għandhom jiġu ritenuti responsabbli għall-ħtijiet tagħhom biss u mhux ta' ħaddieħor u wkoll għal dawk il-ħtijiet biss li ġew ipprovokati bl-artikolu taħt eżami, il-Qorti hi tal-fehma li d-danni ma jistgħux ma jitqisux li huma moderati u hu f'dan l-ispirtu li ser jiġu determinati;

Dawn id-danni għalhekk qed jiġu likwidati fir-rigward tal-konvenut Editur fis-somma ta' ħamsa u sebgħin lira maltija (Lm75) u fir-rigward tal-konvenut Stampatur fis-somma ta' ħamsa u *għoxrin lira maltija (Lm25), tenut kont ta' l-attenwanti* avvanzata fl-eċċezzjoni tiegħu, li hu ma qarax il-kontenut ta' l-artikolu qabel il-publikazzjoni tiegħu;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi l-kawża billi tiċħad

l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u tillikwida d-danni risarċibbli mill-atturi *nomine* mingħand il-konvenuti, a tenur tal-Liġi ta' l-Istampa, fis-somma komplessiva ta' mitt lira maltija (Lm100), li minnha l-konvenut Felix Agius qed jiġi kkundannat li jħallas lill-atturi *nomine* s-somma ta' ħamsa u sebgħin lira maltija (Lm75.00), waqt li l-konvenut Walls qed jiġi kkundannat iħallashom is-somma bilanċjali ta' ħamsa u għoxrin lira maltija (Lm25.00);

L-ispejjeż, barra dawk diġà deċiżi, jitħallsu mill-konvenuti. Jiddekorru l-imgħax fuq l-ammonti determinati b'din is-sentenza, mil-lum sad-data ta' l-effettiv pagament.